FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta Marzu 2015

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Straordinarja STR23 tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana **il-Hamis 9 t' April 2015 fit-11.15 am.** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Impjieg ta Skrivan

Ghal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **Is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u il-Kunsillier Vincent Borg, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris wasal ma tmiem il-laqgha**

**Il-Kunsillier Edward Torpiano ma kienx prezenti**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland

**1. Impjieg ta` Skrivan.**

1.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti rendikont fuq il-materja

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil-Kunsill li dahlu numru ta` applikazzjonijiet, minn liema sebgha kienu eligibbli u ikkonfermaw l-interess taghhom skond il-hinijiet offuti. Huwa informa li issa hemm bzonn li jigi iffurmat il-Bord tal-Ghazla, u jsiru l-intervisti.

1.3 Ghaldastant il-Kunsillier Vince Borg ressaq mozzjoni issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, sabiex il-Bord jigi iffurmat mill-membri tal-Kunsill, bis-Sindku ikun il-moderatur, u fin-nuqqas tieghu, dan ir-rwal jittiehed mis-Segretarju Ezekuttiv, u il-Kunsilliera jkunu membri tal-Bord, ittiehed vot bir-rizultat:

Favur: 3 (VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.4 Il-Kunsill qabel li l-intervisti ghadhom isiru kmieni il-gimgha d-diehla.

1.5 Is-Segretarju informa lil Kunsill li l-impjegata ezistenti Patricia Borg hadmet xi sieghat iktar fin-nuqqas ta l-impjegat Godwin Azzoppardi, u uriet ix-xewqa li tuza dawn is-sieghat biex tieqaf qabel, minflok tithallas taghhom. Il-Kunsill approva din it-talba bil-premessa li jilhaq jibda l-impjegat/a il-gdid/a sabiex issir handing over.

Il-laqgha ntemmet fis-11.25 am .

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv